MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 249/2014

Appell Nru: 249/2014

Il-Pulizja

(Spettur Robert Said Sarreo)

Vs

Alvin Pavia

Illum 26 ta' Marzu, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Alvin Pavia, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 455374M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fid-9 ta' Settembru, 2012 ghal-habta tad-20:45hrs gewwa Triq is-Santwarju, Zabbar:

1) Hebb kontra Emanuel Galea u kkagunalu griehi ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr. Patrick Galea M.D. Med. Reg. 5291 ta' Mater Dei.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fis-6 ta' Gunju, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 221 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni tal-artikou 383 tal-Kaptiolu 9, biex tipprovid ghas-sigurta' tal-parte leaza Emanuel Galea u ghaz-zamma tal-ordni pubblika, minflok piena qed torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tieghu nnifsu ghal perjodu ta' sena (1) taht penali ta' hames mitt ewro (€500).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Alvin Pavia, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-17 ta' Gunju, 2014, fejn talab lil din il-Qorti, **<u>tħassar u tirrevoka </u>**s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi skond principju tal-ligi kriminali l-appellant huwa prezunt innocenti sakemm il-kuntrarju jigi ppruvat.

Illi huwa ben saput illi min jallega jrid jipprova w ghaldaqstant hija l-prosekuzzjoni li ghandha ggib il-provi li jmorru lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni sabiex il-Qorti, wara li tkun ezaminat tali provi, tkun tista' tasal ghal decizjoni;

Illi meta persuna tkun akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali din tista' biss tigi misjuba hatja jekk il-provi li jingiebu kontriha jkunu tali illi jwasslu ghall-konkluzjoni li tmur lil hinn minn kull dubju dttat mir-raguni li l-persuna tkun ikkommettiet ir-reat li bih tkun qed tigi akkuzata;

Illi kwalunkwe dubju jopera a favur tal-akkuzat;

Illi l-appellant qatt ma hebb ghal Emanuel Galea u dan stqarru l-appellant meta gie mitkellem mill-Pulizija a tempo vergine u kif johrog car anke mill-affidavit ta' PS337 u kif ukoll fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) l-appellant xehed illi qatt ma refa' idejh fuq Emanuel Galea;

Illi l-appellant jissottometi illi l-uniku xhud okkulari li ttellghu il-prosekuzjoni kienet il-parti allegatament leza nnifisha u hadd aktar ma korroborha l-verzjoni tal-fatti tieghu;

Illi inoltre ix-xhud tal-prosekuzzjoni, ossia il-parti allegatament leza ma hux kredibbli u dan johrog minn diversi fatti li huwa irrakkonta fosthom illi:

1. Illi fir-rapport tieghu Emanuel Galea allega illi l-appellant 'qabad jghati go wicc Emanuel Galea', liema dikjarazzjoni tinftihem li kein hemm multitudni ta' daqqiet. Min-naha l-ohra fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Emanuel Galea ma jghidx li qabad jaghti go wiccu izda qal li tah daqqa ta' ponn wahda. Illi konsegwentement ix-xhieda ta' Emanuel Galea ma hix konsistenti u lanqas taqbel mal-verzjoni tieghu li kien ta' fid-9 ta' Settembru, 2012.
2. Illi inoltre quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Emanuel Galea minkejja li jikkonferma li fid-9 ta' Settembru kienet il-festa tal-Madonna tal-Grazzja, jghid li ma kien hemm hadd barra fl-akkwati tal-hanut. Zgur li din il-verzjoni ma hix kredibbli u dan stante li Triq is-Santwarju hija it-triq principali li fiha tigi ccelebrata l-qofol tal-festa ta' Haz Zabbar u konsegwentement zgur li fid-disgha neqsin kwart ta' filghaxija (20:45), il-Hadd tal-festa, ma jistax ikun li t-triq kienet vojta. Fuq dan xehed ukoll l-appellant fejn stqarr illi tul il-festa kollha specjalment il-hadd tal-festa dik it-triq tkun mimlija bin-nies u hija wahda mill-ahjar granet tal-hanut;

Illi min-naha l-ohra l-appellant innifsu ghazel illi jixhed f'dawn il-proceduri, fejn l-appellant kien konsistenti fix-xhieda tieghu fejn minkejja li stqarr illi huwa minnu li

qal lil Emanuel Galea li 'qazzistni', rega' ikkonferma l-verzjoni tieghu moghtija lill-Pulizija fid-9 ta' Settembru, 2012 u cioe' li qatt ma hebb ghal Emanuel Galea;

Illi konsegwentement ix-xhud prodott mid-difiza kien iktar konsistenti u kredibbli fix-xhieda tieghu meta paragunat max-xhieda moghtija mill-parti alletgatament leza;

Illi konsegwentement hemm ukoll konflitt serju ta' provi u dan stante li l-verzjoni moghtija mill-appellant u minn Emanuel Galea huma opposti. Fil-fatt anke mis-suespost jidher illi Emanuel Galea lanqas qabel fil-verzjoni tieghu stess meta moghtija a tempo vergine u meta moghtija quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. B'dan il-kunflitt ta' provi gie mahluq dubju liema dubju ghandu jmurr favur l-appellant u konsegwentement l-appellant kellu jkun illiberat mill-akkuzi migjuba kontrih;

Illi ghaldaqstant l-akkuza ma gietx ipprovata sal-livell rikjest mill-ligi;

Illi ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-provi migjuba ma kienux tali li jmorru lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u ghaldaqstant ma kienux sufficjenti sabiex tigi ppruvata l-htija tal-appelalnt;

Illi ghar-ragunijiet fuq esposti l-appellant huwa tal-umli fehma illi ghandu jigi lliberat mill-imputazzjoni migjuba kontra tieghu;

Ikkunsidrat:

Din il-kawza tirrigwarda incident illi gara fid-disgha (9) ta' Settembru tal-elfejn u tnax (2012) waqt il-festa tar-rahal ta' Haz-Zabbar. L-appellant Alvin Pavia jiggestixxi hanut bl-isem ta' "Crazy Horse Bar" fi Triq is-Santwarju, Haz-Zabbar. Il-kwerelant Emanuel Galea jirresjedi fil-fond 240, Triq is-Santwarju, Zabbar, ossija fil-fond sovrapost ghall-hanut tal-appellant. Jidher illi bejn Alvin Pavia u Emanuel Galea hemm xi artrit rigward l-istorbju illi jsir fil-hanut tal-appellant. Dakinhar Emanuel Galea jghid illi huwa irritorna d-dar flimkien mal-mara u hemmhekk sab lill-appellant fejn qallu "... issa xebbajtni, issa xebbajtni ..." u tah daqqa fuq wiccu u habbattlu rasu mal-pum u spicca l-polyclinic minn fejn it-tabib Dottor Patrick Galea

iccertifika li l-kwerelant kien qieghed isofri minn feriti ta' natura hfief (fol 7). Emanuel Galea jghid li ta' sikwit ikun hemm incidenti bejniethom u jirrapporta l-ghassa dwar storbju illi jsir mill-hanut tal-appellant. Di più Galea ghandu t-tfal qeghdin jistudjaw u ma jistghux jissaportu dak l-istorbju hiereg mill-hanut.

Min-naha tieghu l-appellant Alvin Pavia xehed illi dakinhar kienet il-festa ta' Haz-Zabbar u kien busy hafna. Kien Emanuel Galea illi gie fuqu u qallu li dejjqu u mhux veru illi refa' idejh fuqu. Pavia jghid biss illi qallu biex ihallih. Fuq ir-rapport ta' Emanuel Galea l-pulizija ipprocediet kontra l-appellant u b'sentenza tas-sitta (6) ta' Gunju tal-elfejn u erbatax (2014) (fol 9) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati u flok piena rabtitu b'obbligazzjoni tieghu nnifsu ghal perjodu ta' sena taht penali ta' hames mitt ewro (€500) li ma jimmolestax lil Emanuel Galea.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-provi ma kinux se jwasslu ghall-konvinciment morali u di più kien hemm konflitt serju illi jwassal ghad-dubju illi kellu jmur favur l-imputat.

Ikkunsidrat:

Rigward il-livell ta' prova huwa veru illi l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha minghajr dubbju dettat mir-raguni. Però ghandha diversi mezzi kif taghmel dan u cioè permezz tax-xhieda okulari u anke permezz tac-certifikati u dokumenti. F'dan il-kaz hemm ix-xhieda ta' Emanuel Galea, il-parti leza, illi sofra aggressjoni da parti tal-appellant. Il-verzjoni ta' dan tal-ahhar ghandha certa konsistenza peress illi tinkwadra b'dak li kien qal lil PS 337 Mark Mercieca meta ghamel ir-rapport. Skont is-surgent Emanuel Galea qallu li gie avvicinat minn certu Alvin Pavia u wara diverbju "qabad jaghti go wicc Emanuel Galea." Dan huwa korroborat mill-istess Emanuel Galea meta quddiem din il-Qorti dan qal li qala' daqqa ta' harta u l-appellant habbattlu rasu mal-pum u spicca l-polyclinic. Ic-certifikat mahrug minn Dottor Patrick Galea fil-fatt jikkorrabora l-verzjoni ta' Emanuel Galea. L-ewwel Qorti setghet liberament toqghod fuq il-verzjoni ta' Emanuel Galea u dan peress illi x-xhieda ta' xhud wiehed biss jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatti jista' jkun bizzejjed sabiex twassal ghall-konvinciment morali kif titlob il-ligi. Dan

ifisser illi mhux l-ammont ta′ xhieda illi jghodd izda l-kwalità u jekk il-Qorti jidhrilha illi l-kwalità tax-xhieda ta′ Emanuel Galea wahdu hija bizzejjed ghall-konvinciment morali ta′ htija, allura f′dan il-kaz tista′ tasal ghal dik il-konkluzjoni kif fil-fatt waslet. Oltre dan però kellha l-konfort tax-xhieda tas-surgent Mercieca kif ukoll ic-certifikat tat-tabib illi kien invista lil Emanuel Galea wara l-incident.

Min-naha l-ohra x-xhieda tal-appellant kienet ferm prevedibbli. Ikkonferma illi ghandu bar vicin id-dar ta′ Emanuel Galea u dakinhar kien busy hafna li tfisser ergo li kien qieghed jaghmel hafna storbju. Innega illi huwa refa′ idejh fuq il-parti leza. Din il-Qorti ma tara ebda konflitt bejn dawn iz-zewg verzjonijiet. Il-verzjoni ta′ Emanuel Galea hija ben korroborata u l-ewwel Qorti setghet liberament toqghod fuq dik id-depozizzjoni u tasal ghall-konkluzjoni taghha. Ma rat l-ebda konflitt bejn il-verzjoni moghtija minn Emanuel Galea u dik tal-appellant peress illi ta′ dan skartatu kompletament kif del resto kellha dritt taghmel.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz li tiddisturba dik id-diskrezzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta′ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM------------------------------